MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 812/1997/1

George Barbara
vs
Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u l-Avukat Generali

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1987 u l-1988 huwa sofra ingustizzja f' li nghata transfer u gie mtellef minn promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:
Ir-rikorrent dahal jahdem mal-Gvern bhala xufier fl-1979. Huwa kien assenjat mad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni u sussegwentement ma' l-establishments, li jaqa' taht l-Ufficcju tal-Prim Ministru.

Fl-1987, mal-bidla tal-Gvern, ir-rikorrent inghata xejn inqas minn hames transfers f'temp ta' sentejn. Minn Kastilja, huwa gie trasferit ghar-Registru tal-Water Works fejn ma nghata l-ebda xoghol x'jaghmel. Sussegwentement huwa gie trasferit minn distrett ghall-iehor fi hdan l-istess Water Works.

Fl-1987 kienu hargu sejhiet ghal promozzjoni minn Motor Transport Drivers ghal Messenger Drivers. Ir-rikorrent kien applika, izda filwaqt illi d-drivers kollha li kien hemm fid-Dipartiment li fih kien jahdem ir-rikorrent gew promossi huwa ma nghatax din il-promozzjoni.

Minhabba dawn l-ingustizzji r-rikorrent sofra danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa gie ingustament trasferit u mcahhad minn promozzjonijiet li kien intitolat ghalihom.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 ghad-danni illi huwa sofra meta huwa gie trasferit u mcahhad minn promozzjonijiet illi huwa kien intitolat ghalihom u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u ta' l-Avukat Generali li eccepew:

Illi l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur billi huwa qatt ma kellu relazzjoni guridika mar-rikorrent.

Illi similment is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur ta' l-ilment stante li huwa mhux responsabbli ghat-trasferimenti ta' impjegati tal-Gvern u lanqas huwa responsabbli ghall-process ta' ghazla wara sejha ghall-applikazzjonijiet. Hija l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li tmexxi dan il-process u taghmel rakkomandazzjoni ghal hatriet.

Illi minn dokumenti li jezistu fil-Management & Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru jirrizulta illi fl-1984 ir-rikorrent kien intbaghat mid-DOI ghall-OPM. F'April 1986 ir-rikorrent kien talab biex jigi trasferit ghal xi dipartiment fejn hu seta' jaghmel ix-xoghol ta' Heavy Plant Driver, u fil-fatt hu kien intbaghat "on loan" ma l-Enemalta b' sehh minn Ottubru 1986. Hu rritorna l-OPM f'Lulju 1987 u gie trasferit ghal Water Works Department b'sehh mill-4 ta' Jannar 1989.

Illi kull trasferiment li jsir ta' impjegati minn dipartiment ghall-iehor, inkluz dak tar-rikorrent isir skond l-esigenzi tas-servizz. Fil-fatt fl-ittra tal-hatra tieghu, kull impjegat huwa mgharraf li huwa suggett li jigi trasferit skond l-esigenzi tas-servizz. L-ittri tal-hatra tar-rikorrent mhumiex eccezzjoni ghal din ir-regola.

Illi t-trasferimenti tar-rikorrent ma kienux il-frott ta' agir oppressiv u ma kkagunawx sofferenza indebita, izda kienu gustifikati mill-mobilita` ta' l-impjegati pubblici. It-trasferimenti interni fil-Water Works Department illum Water Service Corporation huma r-responsabilita` ta' l-istess dipartiment.

Ghaldaqstant l-intimati talbu li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra.

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li kien dahal fid-Dirghajn l-1974 u nqaleb mal-Gvern fl-1979. Qal li xi tlettax-il sena qabel kien jahdem l-Establishments Division mas-Sur Oreste Spiteri bhala driver meta f'daqqa wahda nghata trasferiment u qal is-Sur Spiteri anqas ried jemmen u fil-fatt kien ipprova jirrangalu jibqa' hemm, peress li kien dejjem ghamel xoghlu sew. Semma li qabel ha t-trasferiment kien baghat ghalih is-Sur Vince Degaetano li qallu seta' japplika ghal Group D izda wara li applika kien irrizulta li hu ma kienx ha din il-promozzjoni u wara ftit nghata t-traferiment ghal Water Works Registry fejn kien hemm xoghol ta' messaggier mhux ta' driver. Qal li wara xahar rega' ha trasferiment iehor ghad-distrett ta' B'Kara tal-Water Works, u wara inqas minn sena regghu tawh trasferiment iehor ghad-distrett tan-Naxxar u wara sitt xhur gie trasferit ghad-distrett ta' Rahal Gdid. Qal li wara dan harget applikazzjoni ghal messenger-driver u kien ha l-promozzjoni.

Gie prezentat affidavit ta' Oreste Spiteri Chief Messenger fil-Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u fih intqal li George Barbara dejjem qdieh tajjeb, kien imur kull fejn jibaghtu u kien biezel u qatt ma rrifjuta xoghol. L-attendenza tieghu kienet perfetta, kien puntwali u ma kienx jiskarta. Semma li f'daqqa wahda kien gie trasferit il-Water Services Corporation. Qal li kien mar ikellem lis-Sur Emy Sammut u wara li s-Sur Vince DeGaetano dwar it-trasferiment tar-rikorrent izda huma rrispondewh li din kienet haga li trid issir skond il-policy tad-dipartiment.

Gie prezentat affidavit ta' Dione Giorgio li fih intqal li irrizulta li r-rikorrent inhatar fi 'Group A' tas-Servizz Pubbliku b'sehh minn Lulju 1980 u nhatar 'Motor Transport Driver' 'Group C' fid-Dipartiment tal-Informazzjoni b'sehh minn Dicembru 1981 u gie trasferit ghall-Ufficcju tal-Prim Ministru f'Lulju 1987. Qal ukoll li s-Sur Barbara gie trasferit ghad-Dipartiment ta' l-Ilma u

Xogholijiet u qal li trasferimenti jsiru fuq talba tal-impjegat jew skond l-ezigenzi tas-servizz. Semma li ma jidhirx li harget sejha ghal 'Messenger Driver' fl-1987. Qal li jirrizulta izda li f'Novembru 1988 harget sejha ghal 'Messenger III'. Qal li isem ir-rikorrent ma jidhirx fil-lista tal-applikanti izda hu kien ghad ma kellux ghaxar snin servizz fil-grad rikjest fis-sejha ghall-applikazzjoni u ghalhekk ma kienx eligibbli.

**KONKLUZJONIJIET:**
Ir-rikors prezentat mir-rikorrent hu indirizzat kontra s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u l-Avukat Generali. Il-Kap 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f' idejn l-Avukat Generali hlief kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex l-Avukat Generali ghandu jkun fil-kawza. L-artikolu 181B (2) jsemmi li "l-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f' dawk l-atti u l-azzjonijiet Gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-Kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern." L-Artikolu 181B (3) jsemmi li proceduri ohra ghandhom ikunu diretti kontra l-Avukat Generali u ghalhekk l-ilment tar-rikorrent qatt ma messu gie dirett kontra l-Avukat Generali. Ghalhekk l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent ilmenta fuq zewg aspetti u cioe` dwar transfers u n-nuqqas ta' promozzjoni.

Ir-rikorrent jilmenta li ma hax il-promozzjoni fl-1987 minn Motor Transport Driver ghal Messenger Driver li hu applika ghalija izda waqt li d-drivers kollha li kien hemm fid-dipartiment li fih kien jahdem hu gew promossi, ir-rikorrent ma nghatax tali promozzjoni. Izda mid-depozizzjoni tas-Sur Dione Giorgio a fol 22 tal-process jirrizulta li harget applikazzjoni ghall-mili ta' Messenger III fit-22 ta' Novembru 1988 u kienu eligbbli ghaliha

Messenger II jew Motor Transport Drivers li kellhom mhux anqas minn 10 snin servizz fil-grad. Jirrizulta wkoll li isem ir-rikorrent mhux fil-lista tal-applikanti u inoltre peress li r-rikorrent inhatar Motor Transport Driver fl-1981 ma kellux ghaxar snin servizz fil-grad kif rikjest fis-sejha relattiva u ghalhekk ma setax japplika ghal din is-sejha ghax ma kienx eligibbli. Jidher car ghalhekk li t-Tribunal ma jistax hlief jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati dwar dan l-aspett.
Jibqa' biss ghalhekk li t-Tribunal jezamina l-aspett l-iehor tal-ilment tar-rikorrent dwar trasferimenti. It-Tribunal f' diversi okkazjonijiet ittratta l-aspett ta' transfer u esigenzi tas-servizz. Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Irrizulta li r-rikorrent gie moghti hames trasferimenti in fila f' temp ta' sentejn. Huwa veru li s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru jista' jitqies responsabbli biss ghall-ewwel trasferiment pero` dawn it-trasferimenti kollha juru car li l-ezigenzi tas-servizz ma kienux jissussistu. Ghalhekk filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-intimat f' dan ir-rigward, isib l-ilment tar-rikorrent dwar trasferimenti gustifikat. Peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf u hames mitt lira [LM1500].

Spejjez kontra l-intimat Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru hlief dawk relattivi ghall-Avukat Generali li jibqghu a karigu tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------